

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/551

tat-30 ta' Marzu 2021

dwar l-awtorizzazzjoni tal-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u tat-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel u l-klieb

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u jipprevedi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-ewvalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ⁽²⁾.
- (2) L-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. ġew awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien skont id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dawn l-addittivi mbagħad ġew irreġistrati fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, b'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-ewvalwazzjoni mill-ġdid tal-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittivi fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u għat-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. għaż-żwiemel u l-klieb.
- (4) L-applikant talab li l-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. jiġu awtorizzati wkoll għall-użu fl-ilma tax-xorb. Iżda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' "komposti aromatizzanti" għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu tal-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. fl-ilma tax-xorb ma jkunx permess.
- (5) L-applikant talab biex l-addittiv jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti". Mal-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (6) Fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, l-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. ma għandhomx effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-konsumaturi jew fuq l-ambjent. L-awtorità kkonkludiet ukoll li l-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. jenħtieġ li jitqiesu bħala irritanti għall-ġilda u għall-għajnejn u għas-sistema respiratorja u bħala sensitizzaturi tal-ġilda. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ jittieħdu miżuri protettivi xierqa biex ikunu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ta' 23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf tal-annimali (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).⁽³⁾ EFSA Journal 2020;18(6):6146.

- (7) L-Awtorità kkonkludiet, li l-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. huma rikonoxxuti li jagħtu t-togħma lill-ikel u billi l-funzjoni tagħhom fl-għalf tkun essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, ma hemmx bżonn demostrazzjoni ulterjuri tal-effikaċja. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (8) Il-valutazzjoni l-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. turi li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn is-sustanzi jenħtieġ jiġi awtorizzat [kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament].
- (9) Jenħtieġ li jiġu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet biex ikun hemm kontroll aħjar. B'mod partikolari, jenħtieġ jiġi indikat kontenut rakkomandat fuq it-tikketta tal-addittivi tal-għalf. Meta jinqabeż dan il-kontenut, fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel jenħtieġ tiġi indikata ċerta informazzjoni.
- (10) Il-fatt li l-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. mhumiex awtorizzati għall-użu bħala aromatizzanti fl-ilma tax-xorb, ma jipprekludix l-użu tagħhom fl-għalf kompost li jiġi mitmugħ mal-ilma.
- (11) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sustanzi kkonċernati, jixraq li jingħata perjodu tranżizzjonali biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jaqgħu taħt il-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u l-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", huma awtorizzati bħala addittivi tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Użu fl-ilma tax-xorb

Is-sustanzi awtorizzati speċifikati fl-Anness ma għandhomx jintużaw fl-ilma tax-xorb.

Artikolu 3

Miżuri tranżizzjonali

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom minn dawn is-sustanzi, li huma prodotti u ttikkettati qabel l-20 ta' Ottubru 2021 skont ir-regoli applikabbli qabel l-20 ta' April 2021 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel l-20 ta' April 2022 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-20 ta' April 2021 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness li jiġu prodotti u ttikkettati qabel l-20 ta' April 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel l-20 ta' April 2021 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %	mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %		
Kategorija: Addittivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti									
2b163-eo	-	Żejt essenzjali taż-żagħfran tal-Indja	Kompożizzjoni tal-addittiv Żejt essenzjali derivat mid-distillazzjoni bil-fwar mir-riżomi mnixxa tal- <i>Curcuma longa</i> L. Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Żejt essenzjali derivat mid-distillazzjoni bil-fwar mir-riżomi mnixxa tal- <i>Curcuma longa</i> L. kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa ⁽¹⁾ : — ar-Turmerone: 40-60 % — β-Turmerone (curlone): 5-15 % — ar-Curcumene: 3-6 % — β-Sesquiphellandrene: 3-6 % — α-Zingiberene: 1-5 % — (E)-Atlantone: 2-4 % Numru CAS:8024-37-1 ⁽²⁾ Numru EINECS 283-882-1 ⁽¹⁾ Numru FEMA 3085 ⁽¹⁾ Numru CoE 163 Forma likwida	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fl-għamla ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana. 3. Fuq it-tikketta tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % jew għas-sostituti tal-ħalib b'kontenut ta' ndewwa ta' 5,5 %: — l-ispeċijiet kollha tal-annimali ħlief l-għoġġiela tas-simna: 20 mg — l-għoġġiela tas-simna: 80 mg (sostituti tal-ħalib)". 4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplet speċifikat fil-punt 3.	20.4.2031

			<p>Metodu analitiku ⁽³⁾ Għall-kwantifikazzjoni tal-markaturi fitokimiċi: ar-turmerone u beta-turmerone fl-addittiv tal-għalf (żejt taż-żagħfran tal-Indja):</p> <p>— Il-kromatografija b'fażi gassuża bl-ispettrometrija tal-massa (GC-MS) (modalità ta' scan sħiħa) bl-użu tal-metodoloġija tal-Illokjar tal-Ħin ta' Retenzjoni (RTL) (jew sustanzi standard tal-markaturi fitokimiċi) bi (jew mingħajr) il-kromatografija b'fażi gassuża biċ-detezzjoni tal-jonizzazzjoni tal-fjamma (GC-FID) abbażi tal-metodu standard ISO 11024</p>					<p>5. It-taħlita ta' żejt essenzjali taż-żagħfran tal-Indja ma' addittivi awtorizzati oħra miksuba mill-<i>Curcuma longa</i> L. m'għandhiex tiġi permessa fl-għalf.</p> <p>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew innaqqsu kemm jista' jkun bi proċeduri u b'miżuri bħal dawn, għandu jintuża taġmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza, meta jintużaw l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel.</p>	
2b163-or		Oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv Oleoreżina miksuba bl-estrazzjoni b'solvent tar-riżomi mnixxa tal-<i>Curcuma longa</i> L.</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Oleoreżina miksuba bl-estrazzjoni b'solvent tar-riżomi mnixxa tal-<i>Curcuma longa</i> L. kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa ⁽⁴⁾.</p>	L-ispeċijiet kollha tal-animali	—	—	—	<p>1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fl-għamla ta' taħlita lesta minn qabel.</p> <p>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.</p> <p>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplut b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:</p>	20.4.2031

			<p>Żejt essenżjali: 30-33 % (piż skont il-piż) Kurkuminojdi totali: 20-35 % (piż skont il-piż)</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kurkumina (I): 16-21 % (piż skont il-piż) — Desmetossikurkumina (II): 4-6 % (piż skont il-piż) — Bis-desmetossikurkumina (III): 3-5 % (piż skont il-piż). <p>Umdità: 12-30 % (piż skont il-piż)</p> <p>Metodu analitiku ⁽⁵⁾ Għall-kwantifikazzjoni tal-markaturi fitokimiċi (kurkuminojdi totali) fl-addittiv tal-għalf (oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja):</p> <ul style="list-style-type: none"> — Spektrofotometrija — <p>FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications, "Turmeric Oleoresin", monografija Nru. 1 (2006)</p>					<ul style="list-style-type: none"> — Tiġieġ u tiġieġ tal-bajd: 30 mg — Speċijiet oħra ta' annimali: 5 mg". <p>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplut speċifikat fil-punt 3.</p> <p>5. It-taħlita ta' oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja ma' addittivi awtorizzati oħra miksuba mill-<i>Curcuma longa</i> L. m'għandhiex tiġi permesa fl-għalf.</p> <p>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqa kemm jista' jkun bi proċeduri u b'miżuri bħal dawn, għandu jintuża taġmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza, meta jintużaw l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel.</p>
--	--	--	--	--	--	--	--	---

2b163-ex	Estratt taż- zaġġħfran tal- Indja	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv Estratt tar-riżomi mnixxfa tal-<i>Curcuma longa</i> L. bl-użu ta' solventi organiċi.</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Estratt tar-riżomi mnixxfa tal-<i>Curcuma longa</i> L. bl-użu ta' solventi organiċi kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa ⁽⁶⁾. Kurkuminojdi totali: ≥ 90 % (piż skont il-piż) — Kurkumin (I): 74-79 % (piż skont il-piż) — Desmetossikurkumina (II) 15-19 % (piż skont il-piż) — Bis-desmetossikurkumina (III) 2-5 % (piż skont il-piż) Ilma: 0,30-1,7 % (piż skont il-piż) Numru EINECS: 283-882-1 ⁽⁴⁾ Numru FEMA: 3086 ⁽⁴⁾ Numru CAS 8024-37-1 ⁽⁴⁾ Numru CoE: 163 Għamla solida (trab) Metodu analitiku ⁽⁷⁾ Għall-kwantifikazzjoni tal-markaturi fitokimiċi (kurkuminojdi totali) fl-addittiv tal-ġħalf (estratt taż-zaġġħfran tal-Indja): — Spettrofotometrija — FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications, "Curcumin", monografija Nru. 1 (2006)</p>	L-ispeċijiet kollha tal-animali	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> 1. L-addittiv ġħandu jiġi inkorporat fl-ġħalf fl-ġħamla ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet ġħall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, ġħandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà ġħat-trattament bis-ħhana. 3. Fuq it-tikketta tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel ġħandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ġħal kull kg ta' ġħalf komplut b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % u ġħas-sostituti tal-ħalib b'kontenut ta' ndewwa ta' 5,5 %: l-ispeċijiet kollha u l-ġħoggiela tas-simna (sostituti tal-ħalib): 15 mg". 4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva ġħandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut tas-sustanza attiva fl-ġħalf komplut speċifikat fil-punt 3. 5. It-taħlita tal-estratt taż-zaġġħfran tal-Indja ma' addittivi awtorizzati oħra miksuba mill-<i>Curcuma longa</i> L. m'ġħandhiex tiġi permessa fl-ġħalf. 	20.4.2031
----------	---	---	---------------------------------	---	---	---	---	-----------

									<p>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-ġhalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-ġhajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u b'miżuri bħal dawn, għandu jintuża tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza, meta jintużaw l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel.</p>
--	--	--	--	--	--	--	--	--	---

(¹) Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

(²) L-istess identifikatur japplika mingħajr distinzjoni għal tipi differenti ta' estratti u derivattivi mill-Curcuma longa bħaż-żejt essenzjali taż-żagħfran tal-Indja, l-estratt taż-żagħfran tal-Indja u t-tintura taż-żagħfran tal-Indja.

(³) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>

(⁴) Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

(⁵) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>

(⁶) Natural sources of flavourings - Ir-Rapport Nru. 2 (2007)

(⁷) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmien il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mL ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: Addittivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti									
2b163-t		Tintura taż-żagħfran tal-Indja	<p>Kompożizzjoni tal-addittiv Tintura prodotta bl-estrazzjoni ta' riżomi mnixxa u mitħuna tal-<i>Curcuma longa</i> L. bl-użu ta' taħlita ta' ilma/etanol (55/45 % volum skont il-volum).</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Tintura prodotta bl-estrazzjoni ta' riżomi mnixxa u mitħuna tal-<i>Curcuma longa</i> L. bl-użu ta' taħlita ta' ilma/etanol (55/45 % v/v), kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa ⁽¹⁾. Fenoli (bħala ekwivalenti ta' aċidu galliku): 1 100–1 500 µg/mL Kurkuminojdi totali ⁽²⁾ (bħala kurkumina): 0,04 sa 0,09 % (skont il-volum) Kurkumina (I): 83–182 µg/mL Desmetossikurkumina (II): 80-175 µg/mL Bis-desmetossikurkumina (III): 139-224 µg/mL</p>	— Żwiemel — Klieb	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fl-għamla ta' taħlita lesta minn qabel. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana. Fuq it-tikketta tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplut b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: — żwiemel: 0,75 mL; — klieb: 0,05 mL". Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut tas-sustanza attiva fl-għalf komplut speċifikat fil-punt 3. 	20.4.2031

			<p>Żejt essenzzjali: 1 176-1 537 µg/mL Materja niexfa: 2,62-3,18 % (piż skont il-piż) Solvent (ilma/etanol, 55/45):96-97,5 % (piż skont il-piż) Forma likwida CoE No.163 Metodu analitiku ⁽³⁾ Għall-kwantifikazzjoni tal-markaturi fitokimiċi (kurkuminojdi totali) fl-addittiv tal-għalf (tintura taż-żagħfran tal-Indja): — Spettrofotometrija (ibbażata fuq il-monografija tal-Farmakopea Ewropea “Turmeric Javanese” (01/2008:1441))</p>					<p>5. It-taħlita tat-tintura taż-żagħfran tal-Indja ma’ addittivi awtorizzati oħra miksuba mill-<i>Curcuma longa</i> L. m’għandhiex tiġi permessa fl-għalf.</p> <p>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsqa kemm jista’ jkun bi proċeduri u b’miżuri bħal dawn, għandu jintuża tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni għan-nifs kif ukoll in-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza, meta jintużaw l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel.</p>	
--	--	--	---	--	--	--	--	--	--

⁽¹⁾ Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

⁽²⁾ Iddeterminat mill-ispektrofotometrija bħala derivattivi tal-metan diċinammoil

⁽³⁾ Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta’ Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>